MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 171/2009

**GO P.L.C.**
**(C-22334)**

**Vs**

**Suzanne Marie Satariano**
**(I.D. 43987M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' hames mija u sebgha u disghin euro u zewg centezmi (€597.02) dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21415507 skond id-dokumenti "A" u "B" annessi ma' l-Avviz tat-Talba. Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' l-ahhar kont mahrug, u cjoè mill-1 ta' Settembru 2006, sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuta.

Ra illi mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u l-istess konvenuta ma kkontestatx il-kawza fit-terminu lilha prefiss mil-Ligi.

Ra l-atti tal-kawza, u senjatament in-Nota ta' Ammissjoni pprezentata mill-konvenuta waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2009 permezz ta' liema tammetti t-talbiet attrici kif dedotti kontra taghha.

Ghaldaqstant peress it-talba tas-socjetà attrici tirrizulta ammessa mill-konvenuta permezz ta' Nota ta' Ammissjoni pprezentata fit-8 ta' Mejju 2009, it-Tribunal jaqta' l-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' hames mija u sebgha u disghin euro u zewg centezmi (€597.02), bl-imghax legali dekoribbli mill-1 ta' Settembru 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------